MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 532/2007/1

**Godfrey Mifsud**

**vs**

**Carmelo *sive* Charlie Abela,**
**u b'digriet tat-12 ta' Dicembru, 2007 gie kjamat in kawza**
**Joseph Mifsud**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Lulju, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attur talab li l-konvenut u l-kjamat in kawza jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tliet mija u ghaxar Liri Maltin (Lm310) li huma ekwivalenti ghal seba' mija u

tnejn u ghoxrin Euro u hdax-il centezmi (€722.11) ghal xoghol u spareparts fuq vettura tal-konvenut. Illi ghalkemm interpellat kemm-il darba wkoll b'ittra legali baqa' ma hallasx. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali u bl-imghax.

Ra r-risposta tal-konvenut Abela li wiegeb illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(A) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut ma nkarigax lill-attur jaghmel ix-xogholijiet fuq il-vettura tieghu.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk l-attur ghandu xi kreditu dan ghandu jivvantah kontra Joseph Mifsud ta' 'Casa Mifsud' Triq Had-Dingli, Rabat (Malta) li qieghed kontestwalment jigi notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri ai termini tal-Artikolu 6(2) tal-Small Claims Tribunal Rules.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jispetta lill-attur igib prova tax-xoghol allegatament maghmul minnu u l-spareparts mixtrija minnu in kwantu l-konvenut ma rcieva l-ebda fattura jew dokumentazzjoni in sostenn tal-istess. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra illi l-imsejjah tal-kawza debitament notifikat ma wegibx.

Sema' x-xhieda ta' Godfrey Mifsud u Carmelo sive Charlie Abela.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazjoni ta' Lino Grech ghall-attur u Dr Franco Galea ghall-konvenut.

Ikkonsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut Carmelo sive Charlie Abela kien il-proprjetarju tax-xarabank jew it-trakk tal-linja *Route Bus* registrat bin-numru DBY428 tal-marka *Bedford*.

Permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Mary sive Mariella Mizzi tal-25 t’Ottubru, 2000 huwa ghamel ftehim ma’ Joseph Mifsud fejn dan tal-ahhar xtara l-istess vettura bil-prezz ta’ disgha u sittin elf, tmien mija u wiehed u tmenin Euro u ghoxrin centezmu (€69,881.20) - (Lm30,000) u fl-istess kuntratt kien hemm modalita ghall-hlas tal-istess.

It-transfers tal-licenzji ma kellux isir qabel ma jithallas il-bilanc kollu dovut lil Charles Abela.

Effettivament gara illi minhabba f’hekk, il-hlasijiet li kienu jsiru mill-Public Transport Association ma kinux johorgu direttament lil Joseph Mifsud izda, billi x-xarabank kien ghadu registrat fuq Carmelo sive Charlie Abela l-pagamenti kienu isir lil Carmelo sive Charlie Abela u mill-pagament li kien jasal, Carmelo sive Charles Abela kien izomm dik il-porzjoni spettanti lilu u jghaddi l-bilanc lil Joseph Mifsud.

Gara illi x-xarabank gratlu l-hsara u Joseph Mifsud hadu ghand Godfrey Mifsud ghat-tiswija. Dwar dan Godfrey Mifsud ighid hekk:

“Lil Mifsud staqsejtu min ser ihallasni ghax-xoghol u Mifsud qalli li meta jaqbad ic-cekk ihallasni. Jien staqsejtu jekk ic-cekk jaqbdux hu u hu qalli le. Ic-cekk jaqbdu Charlie u f’dak il-mument ghidtlu “inti ma xtrajt xejn” allura jien ma ridtx nibda x-xoghol u ghidtlu biex ighid lil Charlie jkellimni ghaliex fl-opinjoni tieghi milli qalli Mifsud deherli li x-xarabank ma kienx ghadu nqaleb fuq Mifsud u Charlie Abela gie jkellimni.”

Illi fil-fatt imbaghad meta mar ikellmu Charlie Abela, huwa nfurma lil Abela li kien hemm certu

ammont ta’ spejjez involuti u Abela qallu biex jaghmel ix-xoghol li kien hemm bzonn. Kien fuq hekk illi mbaghad l-attur ghamel ix-xogholijiet fuq il-vettura. Wara li saru x-xogholijiet, l-istess Abela beda jhallsu ratealment u baqa’ bilanc ta’ seba’ mija u tnejn u ghoxrin Euro u hdax-il centezmi (€722.11) - (Lm310) li huwa l-ammont mertu tal-proceduri odjerni. Godfrey Mifsud xehed illi l-ahhar pagament sar f’Mejju tas-sena 2006.

Da parti tieghu Charlie Abela xehed illi huwa minnu li kien mar ikellem lil Godfrey Mifsud izda huwa jghid illi dan mhux ghax kien qed jammetti li ghandu jassumi responsabbilta’ tal-hlas tal-istess izda hu jghid li spjega lil Godfrey Mifsud li c-cekk tal-Assocjazzjoni kien jasal fuqu u minn dan ic-cekk l-ewwel jithallas hu u mbaghad milli jifdal ikun jista’ jhallas ratealment lil Godfrey Mifsud u l-bilanc jghaddih lil Joseph Mifsud. Fil-fatt fl-ahhar tal-kontro-ezami tieghu huwa zied ighid hekk:

“Jien lil Godfrey ghidtlu jekk trid issewwilu sewwilu u jekk ma tridx issewwilux pero’ basta l-ewwel nithallas jien.”

Illi ghar-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, it-Tribunal jidhirlu illi din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda. L-attur ghamel referenza ghall-kawza ‘Martin Chetcuti vs Guza Abela’ deciza minn dan it-Tribunal diversament presedut fit-2 ta’ Marzu, 2005 f’liema sentenza saret referenza ghall-kawza ‘Pace vs Muscat’ Appell Inferjuri deciza fit-18 ta’ Mejju, 1929 u Appell Inferjuri ‘Camilleri vs Schembri’ deciza fis-16 ta’ Dicembru, 2002. It-Tribunal jafferma illi huwa ghandu d-dubju dwar il-korrettezza o meno tal-interpretazzjoni moghtija fl-imsemmija sentenzi billi huwa evidenti ghal dan it-Tribunal illi x-xogholijiet intraprezi mill-attur kif spjegati fil-kawza odjerna jirrientraw perfettament ghall-azzjoni kontemplata fl-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili. M’hemmx dubju illi l-attur qieghed jezercita arti mekkanika u li f’din il-kawza qieghed

jitlob hlas kemm ghal xoghlu kif ukoll ghall-materjal minnu provdut. Huwa ma kienx qieghed jahdem fuq vapuri jew opri ohra u lanqas ma kien qed jahdem bhala kuntrattur ghall-bini bl-injam, gebel jew materjal iehor kif indikat fl-Artikolu 2148 (a).

B’danakollu pero’, jirrizulta illi sa Mejju 2006 kien hemm ammissjoni tal-ammont dovut billi kien sar pagament akkont. Il-kawza odjerna giet prezentata fit-2 ta’ Lulju, 2007 u bejn Mejju 2006 u Lulju 2007 m’ghaddewx is-sena u nofs kontemplati fl-Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 u konsegwentement l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qieghda tigi michuda.

Ghar-rigward tal-mertu t-Tribunal huwa sodisfatt illi bhala quantum l-ammont mitlub huwa dovut. L-attur fix-xhieda tieghu spjega ezattament ghalxiex qieghed jitlob il-hlas u m’hemmx dubju illi mill-ammont mitlub t’elf, seba’ mija u hames Euro u ghaxar centezmi (€1,705.10) - (Lm732) baqa’ bilanc ta’ seba’ mija u tnejn u ghoxrin Euro u hdax-il centezmi (€722.11) - (Lm310) u dan kif anke jidher mid-Dokument GM1 a fol 27 tal-process. Del resto il-konvenut mhux qed jikkontesta li l-ammont mitlub jirrigwarda xogholijiet illi saru fuq ix-xarabank fuq imsemmi. Jirrizulta wkoll illi fil-mument illi saru x-xogholijiet il-vettura kienet ghadha tghajjat lill-Carmelo sive Charlie Abela tant illi meta Joseph Mifsud iddecieda illi ma jkompliex bil-ftehim li kien lahaq ma’ Carmelo Abela huma semplicement ftehmu verbalment, Abela ha lura c-cwievet u x-xarabank u ma saru l-ebda karti ohra. Kieku kien gie finalizzat il-process tal-bejgh, kien ikun hemm bzonn ukoll li t-transfer relattiv jigi debitament registrat. Mil-lat Civili l-vettura kienet ghadha tappartjeni lill-konvenut Abela u l-propjeta taghha kien intiz li jghaddi meta jsir l-hlas kollu tal-prezz pattwit u dan anke johrog mil-Artikolu 7 tal-kuntratt tal-25 t’Otubru, 2000.

Huwa evidenti ghalhekk illi minkejja li kien sar l-imsemmi kuntratt pubbliku, il-process ta' trasferiment tal-vettura ma kienx ghadu kompletat u konsegwentement fil-mument li saru x-xogholijiet in kwistjoni, dawn saru fuq vettura li kienet ghadha u baqghet tappartjeni li Carmelo sive Charlie Abela.

Illi in oltre, t-Tribunal jemmen li l-verzjoni vera ta' x'sehh u ma sehhx biex saru x-xogholijiet fuq il-vettura huma kif spjegati mill-attur Godfrey Mifsud. Mifsud kien riluttanti hafna li jibda x-xogholijiet u jintriga u jaghmel l-ispejjez qabel ma jkun cert kif ser jithallas u dan it-Tribunal isibha qajla kredibbli li dan imbaghad jaccetta dak li jallega li qal Carmelo sive Charlie Abela fis-sens illi l-ewwel jithallas hu tax-xarabank imbaghad milli jifdal jithallas Godfrey Mifsud. Mifsud ried jaccerta ruhu illi hu ser jithallas mis-sid tal-vettura u billi deherlu illi Joseph Mifsud ma kienx is-sid tal-vettura, huwa ried li jiehu l-inkarigu mis-sid. Kien biss meta gie jkellmu Carmelo sive Charlie Abela u kkonfermalu li seta' jaghmel ix-xogholijiet li accetta li jaghmilhom ghaliex b'hekk huwa kien jaf li Abela kien ser ihallsu u di fatti l-hlasijiet li saru, saru direttament minn Abela lil Godfrey Mifsud.

Naturalment ir-relazzjonijiet interni bejn Carmelo sive Charlie Abela u Joseph Mifsud huma ben diversi. Internament bejniethom m'hemmx dubju li l-ftehim kien li l-kont tal-attur jithallas minn flus li jithallsu mill-Assocjazzjoni b'rizultat ta' xoghol maghmul mil-imsejjah fil-kawza Mifsud bil-vettura tal-konvneut Abela. Jidher car illi Abela kien qed jutilizza flus li kellu fil-pussess tieghu li kienu appartenenti lil Joseph Mifsud u meta saru l-pagamenti akkont kien qed juza flus spettanti lil Joseph Mifsud. Din r-relazzjonijiet interna bejn l-konvenut u l-imsejjah fil-kawza strettament ma jikkoncernawx lil dan it-Tribunal izda dan it-Tribunal ikollu jghid illi certament huwa relavanti li:

i. x-xogholijiet saru fuq ix-xarabank li baqa' propjeta' ta' Abela.
ii. in kwistjoni kienu necessarji sabiex dan ix-xarabank jibqa' jahdem
iii. effettivament in-negozju li kien qed isir bejn Carmelo sive Charlie Abela u Joseph Mifsud gie mitmum u Abela ha lura x-xarabank
iv. Abela ha l-beneficcju ta' dawn ix-xogholijiet billi b'rizultat taghhom ix-xarabank baqa' funzjonabbli.
v. Ix-xogholijiet ma kinux semplici xogholijiet bhal bdil ta' puncture jew ta' xi zjut li forsi wiehed jista' jikkonsiderhom bhala maintenance expenses izda x-xogholijiet in kwistjoni kienu ta' import aktar sostanzjali billi kienu jinvolvu bdil tal-molol ta' wara u bdil tad-differential komplut bir-rimmijiet tal-erba' roti ta' wara u l-u-bolts b'kollox. Fil-fatt fid-Dok GM1 hemm ukoll indikat li nbidlet bicca mill-guiding shaft u d-differential.
vi. Ma jirrizultax kemm Joseph Mifsud dam juza l-vettura wara li sehh dan ix-xoghol, pero' jekk jirrizulta 'l quddiem xi litigju ulterjuri quddiem dan it-Tribunal diversament presedut, certament wiehed ikollu jikkonsidra l-fatt illi l-kuntratt sar fis-27 t'Ottubru, 2000 u wiehed ghandu jara kemm saru hlasijiet akkont kif kontemplat fl-imsemmi kuntratt tenut kont il-fatt illi f'din il-kawza jirrizulta illi l-ahhar pagament li sar minn Abela lil Godfrey Mifsud kien f'Mejju 2006 u li allura sa dak iz-zmien jidher illi x-xarabank kien ghadu f'idejn Joseph Mifsud.
vii. Meta Abela ha lura x-xarabank huwa kien jaf li hemm l-kont mertu tal-kawza li ghadu pendenti u ghalhekk dakinhar misshom ghandlu ftehim bejniethom dwaru.

Certament sabiex il-vertenza internament bejniethom tigi debitament rizolta hemm bzonn ta' aktar xhieda u ghalhekk it-talba attrici qed tigi akkolta biss fil-konfront tal-konvenut. Sabiex ma tigix pregudikata ir-relazzjoni interna bejn Abela u

> Joseph Mifsud mhux ser jinghata pronunzjament fir-rigward tal-imsejjah fil-kawza liema linja ta' azzjoni hija permessibli billi t-Tribunal jista jaghti decizjoni fil-kawza minghajr ma jikkundanna jew jillibera lill-imsejjah fil-kawza. (Albert Borg Falzon pro et noe vs Joseph Cost Chretien, Qorti tal-Kummerc, per Imhallef W. Harding, 17 t'Ottubru 1950).
>
> Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata kif fuq spjegat, jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u jilqa' t-talba attrici kif dedotta fil-konfront ta' Carmelo sive Charlie Abela u konsegwentement jikkundanna lil Carmelo sive Charlie Abela sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' tliet mija u ghaxar Liri Maltin (Lm310) li huma ekwivalenti ghal seba' mija u tnejn u ghoxrin Euro u hdax-il centezmi (€722.11) bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-Avviz u bl-ispejjez. Qieghda tithalla impregudikata si et quatenus kull azzjoni spettanti lil Carmelo sive Charlie Abela fil-konfront tal-imsejjah fil-kawza Joseph Mifsud.**"**

Appella minn din is-sentenza l-konvenut bil-kontestazzjoni generali illi t-Tribunal ma kienx messu cahadlu ebda wahda mill-eccezzjonijiet tieghu. Telegrafikament, fl-ispecifiku ta' kull wahda minn dawn l-istess eccezzjonijiet l-appellant jadduci dan li gej:-

(1) Il-prova ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni da parti ta' l-attur ma kienetx cara u esplicita;

(2) Huwa qatt ma inkariga lill-attur biex jaghmel xoghlijiet fuq ic-*charabanc*. Dik l-ordni u l-assunzjoni tal-hlas ghax-xoghlijiet saret minn Joseph Mifsud;

(3) F'kull kaz, l-attur ma gabx provi adegwati in sostenn tax-xoghlijiet li jghid li ghamel u ta' l-i*spare parts* mixtrija;

Attiz li l-preskrizzjoni opposta [Artikolu 2148 (a), Kodici Civli] mill-appellanti hija dik idoneja in rapport ghan-natura tax-xoghlijiet ezegwiti mill-attur u ta' l-azzjoni proposta minnu, hu taghlim gurisprudenzjali illi "*provata la prescrizione, incombe all'attore di provare la sua interruzione; ed in difetto di tale prova, l'eccezione di prescrizione non puo` essere rigettata*" ("**Carmelo Pullicino -vs- Giuseppe Zammit**", Appell Inferjuri, 3 ta' Frar, 1904). Wiehed mill-modi ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni prevvisti mill-Kodici Civili hu dak tal-hlas akkont tad-djun maghmula mid-debitur innifsu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih (Artikolu 2134; "**Alfredo Brownrigg -vs- Giuseppe Fenech**", Appell Kummercjali, 30 ta' Ottubru, 1936);

Sew l-imsemmi dispost tal-ligi (Artikolu 2134) kif ukoll dak ta' qablu (Artikolu 2133) u dak l-iehor li jsegwih (2135) jifformaw parti mit-trio ta' dawk l-atti guridici tar-rikonjizzjoni tad-debitu. Atti dawn li mill-istess natura taghhom huma inkompatibbli mal-volonta f'min jopponi l-preskrizzjoni tad-diskonoxximent tal-pretensjoni tal-kreditu fil-konfront tieghu. Ghal skopijiet ta' l-effett interruttiv tal-preskrizzjoni r-rikonoxximent tad-dritt ta' haddiehor ma jirrikjedix xi intenzjoni specifika. Huwa, anzi, sufficjenti illi l-att tieghu jikkostitwixxi, anke implicitament, il-manifestazzjoni ta' dik il-volonta tal-gharfien minnu ta' l-ezistenza tad-debitu;

Naturalment, tirrientra fil-poter diskrezzjonali ta' min irid jiggudika l-indagini relattiva rivolta biex ikun determinat u maghruf jekk att, fatt jew dikjarazzjoni jammontax ghal rikonoxximent. In linea ta' principju, kif inhu abbondantement pacifiku, tali accertament mit-tribunal adit mill-mertu ma huwiex sindakabbli minn Qorti ta' revizjoni jekk jinstab li hu sew sorrett minn motivazzjoni sobrija;

Fil-kaz in ezami t-Tribunal sab fuq l-ezami tieghu tal-provi illi in vista tal-pagament akkont li sar mill-konvenut appellanti f'Mejju 2006 kien hemm ir-rikonjizzjoni tad-debitu u tali kien iservi bhala interruzzjoni tal-preskrizzjoni eccepita. L-appellanti jikkontesta dan ir-ragonament tat-Tribunal b'dawn iz-zewg premessi:-

i. L-attur ma gabx prova cara u esplicita ta' meta sar l-ahhar pagament;

ii. F'kull kaz, anke jekk wiehed kellu jaccetta l-versjoni ta' l-attur, il-pagament akkont li sar ma giex maghmul minnu in veste ta' debitur imma b'effett ta' arrangament intern li hu kellu ma' Joseph Mifsud li lilu kien bieghlu x-*charabanc*;

Fuq l-ewwel punt tajjeb li jigi sottolinejat qabel xejn illi skond Artikolu 9 (2) (b) tal-Kapitolu 380, il-gudikatur "ghandu jitgharraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-kaz li jkun qed jittratta." Evidentement, it-Tribunal, fil-kaz prezenti, kien sodisfatt illi d-dikjarazzjoni ta' l-attur li l-ahhar hlas sarlu f'Mejju 2006 kienet sufficjentement konvincenti. Din id-dikjarazzjoni ma tinsab kontradetta minn ebda parti mid-deposizzjoni ta' l-appellanti u, allura wkoll, tinzel wehidha l-konkluzjoni illi, fl-ipotesi tal-precitat dispost tal-ligi, il-motivazzjoni tat-Tribunal ma tistax titqies affetta minn vizzju logiku;

Kwantu ghal punt (ii), li, ghall-pratticita` flimkien mieghu qeghdin jigu konsiderati wkoll is-sottomissjonijiet ta' l-appellanti bit-tieni aggravju, ghandhom l-ewwelnet jigu brevement inkwadrati dawn il-fatti:-

1. L-ordni biex isiru x-xoghlijiet riparatrici fuq ix-*charabanc* saret minn Joseph Mifsud. Billi din il-vettura kienet ghadha proprjeta` tal-konvenut l-attur ma riedx jirripara sakemm ma jkollux preventivament l-awtorizzazzjoni ta' l-appellanti. Minn diskors l-attur din l-

insistenza tieghu saret biex hu jkun assikurat illi ser jithallas ta’ xoghlu. Ara xhieda ta’ l-attur a fol. 17;

2. L-appellanti jaccetta illi hu qal lill-attur “illi lil Joe Mifsud seta’ jirrangalu” (fol. 24) u, aktar tard, li “lil Godfrey ghidtlu jekk trid issewwilu sewwilu u jekk ma tridx issewwilux” fol. 26). Huwa jzid jafferma illi l-hlas relattiv tat-tiswijiet kellu jsir mid-dhul minghand l-Assocjazzjoni wara li jithallas l-ewwel hu ta’ dak dovut lilu akkont tal-prezz tax-*charabanc* mibjugha lil Joseph Mifsud skond il-kuntratt tal-25 ta’ Ottubru, 2000 (fol. 29);

3. L-imsemmi Joseph Mifsud ma wasalx biex jiskonta l-prezz u x-*charabanc* rega’ rriverta ghand l-appellanti;

Mill-konsiderazzjoni tal-fatti premessi din il-Qorti tikkondividi l-fehma tat-Tribunal illi ghalkemm l-ordni tax-xoghlijiet ta’ tiswija saret minn Joseph Mifsud, l-attur appellat ma kienx ser jintriga ruhu jekk qabel xejn ma jkollux il-konfort tal-kunsens u ta’ l-adezjoni dwarhom mill-appellanti nnifsu, proprjetarju effettiv tax-*charabanc* f’dak il-mument. Mhux dan biss, pero`. L-istess attur kellu wkoll minghand l-appellanti l-accertazzjoni illi l-hlas ghal dawk ix-xoghlijiet kien ser isir mill-appellanti, recipjenti tac-*cheque* relattiv minghand l-Assocjazzjoni, anke jekk tali hlas kien ser isir wara li l-appellanti jissodisfa l-kreditu tieghu di fronte ghal Joseph Mifsud. Ghall-Qorti jiddixxendi minn din il-qaghda illi fil-mument li l-appellanti assikura lill-attur li x-xoghol seta’ jaghmlu twieled bejniethom rapport ta’ kreditur-debitur *inter partes*. Ghaldaqstant ma huwiex accettabbli l-argoment ripetut mill-appellanti illi hu ma kienx ukoll inkariga lill-attur biex jaghmel ix-xoghlijiet okkorrenti, ghax l-inkarigu sar unikament minn Joseph Mifsud. Taht dan il-profil l-ewwel u t-tieni aggravji qed jitqiesu infondati;

Riferibilmnet ghat-tielet u l-ahhar aggravju li l-attur ma gabx provi ghas-sostenn tal-kwantum kreditorju tieghu, ghandu jinghand illi r-rizultanzi istruttorji ma jikkonfortawx

din it-tezi. Fil-kors tax-xhieda tieghu l-attur appellat ta rezokont tax-xoghlijiet li ghamel, ta' l-entita taghhom u ta' ammont komplessiv taghhom. Spjega wkoll xi hlasijiet akkont irceva minn dan l-ammont komplessiv komunikat verbalment lill-appellanti, ankorke ma ghaddielux fattura dettaljata. Dokument dan li hu ghadda biex esebixxa (fol. 27) wara li kien ippreparah minn karta ohra li kellu ghad-disposizzjoni tieghu. Ukoll hawn l-appellanti fil-verita ma jikkontestax dan il-kont ghax, fi kliemu stess, "jiena naqbel li huwa korrett bhala ammont" (fol. 25) anke jekk zied jaggungi illi fih kien hemm inkluza somma ohra (Lm200) ta' xoghol precedenti fuq inkarigu ta' Joseph Mifsud;

Kif taraha din il-Qorti l-ilment ta' l-appellanti f'dan il-kuntest ma huwiex sostenibbli. Principalment, ghal zewg ragunijiet. Il-wahda fattwali, konsistenti mill-konfessjoni ta' l-appellanti nnifsu tal-korrettezza tal-kont. L-ohra, prettament legali, in vista tal-konsiderazzjoni illi, trattasi minn valur ta' talba li ma teccedix il-hames mitt lira [Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 380] u wkoll, ghaliex l-appellanti minn imkien ma ddeduca ksur ta' l-imparzjalita, jew tad-dritt ekwitativ [Artikolu 8 (2) (d)], ghal liema hu konsentit dritt ta' appell, mhux il-kaz li din il-Qorti ticcensura lit-Tribunal fil-konkluzjoni konfermatorja tieghu tal-kanonizzazzjoni tal-kreditu vantat u mitlub mill-appellat.

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------